**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 145 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Vs**

**Mohammed Abdulaziz**

**Jasin Karasi**

Illum, 10 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Mohammed Abdulaziz ta' 17-il sena, nazzjonalita Sudaniza, iben Abdulaziz u Fatima, imwieled is-Sudan fit-3 ta' Frar, 2003 jirrisjedi f' post mhux maghruf u detenur tan-numru tal-Pulizija: 19AA – 300 u Jasin Karasi ta' 19-il sena, nazzjonalita Sudaniza, iben Karasi u Aisha, mwieled is-Sudan fl-1 ta' Frar, 2001, jirrisjedi f' post mhux maghruf u detentur tan-numru tal-Pulizija: 20H – 084, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1) Talli fis-7 t'Awwissu 2020 ghall-habta ta' bejn il-hamsa u s-sitta u nofs ta' filghodu gewwa t-Terminal tal-Virtu Ferries, bhala persuni illi mbarkaw jew zbarkaw, minn jew go Malta naqsu illi jaghtu lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg (Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta);

2) U talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bil-mohbi mbarkaw u bahhru ma' bastiment, jew ippruvaw bil-mohbi jimbarkaw biex ibahhru ma' bastiment, minghajr il-kunsens jew tas-sid jew tal-kaptan tal-bastiment, jew ta' ufficjal jew persuna ohra inkarigata mill-bastiment, jew ta' xi persuna ohra li jkollha d-dritt li taghti dak il-kunsens (Artikolu 184 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta);

3) U talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, naqsu li jidhlu gewwa xi area maghluqa ta' port jew li hargu minnha mill-postijiet tad-dhul jew hrug mahsuba ghal hekk u waqt li kienu f'dik l-area jew fuq dak il-moll, naqsu milli jharsu dawk l-ordnijiet li jistghu minn zmien ghal zmien jinghataw mill-Awtorita' jew mill-kuntrattur skont il-kaz u l-kondizzjonijiet ta' kull avviz jew sinjal kif ikun muri mill-Awtorita' (Sec. 55, SL.499.01 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 t' Awwissu, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Art. 28 u Art 32 tal-Kap 217, Art 184 tal-Kap 234, kif ukoll S. L. 449. 01 Section 55, fir-rigward tal-imputat Mohammed Abdulaziz sabet lill-imputat hati u ikkundannatu ghal tmintax il-xahar prigunerija effetiva u fir-rigward tal-imutat Jasin Karasi sabet lill-imputat hati u ikkundannatu ghal sentejn prigunerija effettiva.

Il-Qorti ordnat li din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali fi zmien moghti bil-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jasin Karasi minnhu pprezentat fil-25 t' Awwissu, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lil l-appellant h0ati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti u cirkostanzi speci tal-kaz.

Rat illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u wara li talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza qieghed jinterporni dan l-umli appell u dan ghar-ragunijiet illi ser jigu spjegati hawn taht:

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;

Illi l-appell jirrigwarda dak li jikkoncerna l-piena erogata mill-ewwel Qorti;

Illi f'dan is-sens l-appellant hassu aggravat li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena inflitta fuqu kienet wahda eccessiva; ghalhekk fid-dawl ta' dak sottopost, l-esponenti umilment jissottometti li fil-kaz odjern, setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta;

Illi l-ligi in kwistjoni fir-rigward tal-piena meta wiehed ikun akkuzat li kiser **Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' Artikolu 32 tal-istess Kap 217** jghid hekk:

*"g) Tikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att li dwarha mhux*
*stabbilit reat taht xi artikolu iehor ta' dan l-Att,*
*tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinsab hatja mill-Qorti tal-*
*Magistrati, multa ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u*
*sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87) jew*
*prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa*
*u prigunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita ghal dak*
*ir-reat piena akbar b'ligi ohra:"*

Illi l-legislatur lanqas biss impona minimu u ghaldaqstant fil-verita' setghet tigi nflitta piena hafna inqas u ekwa kif ukoll setgha ma jinghatax habs effettiv, izda tinghata anke sentenza sospiza, jew ma tigi nflitta l-ebda piena karcerarja effettiva specjalment in vista tal-fatt illi hemm cirkustanzi li jimmilitaw mitigazzjoni fil-piena flimkien mal fatt illi l-esponenti kkopera, kien hemm ammissjoni bikrija u mhuwiex recediv, u ghaldaqstant il-piena li nghatat kienet fil-massimu assolut li setghet tinghata u ghalhekk eccessiva f'dawn ic-cirkustanzi;

Illi jirrizulta li l-esponenti ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, b'dan li ma nheliex hin prezzjuz ta' l-awtoritajiet investigattivi u l-hin tal-Qorti;

Illi maghdud ma' dan, l-esponenti appellanti hass ruhu aggravat stante illi l-ewwel Qorti lanqas semghet dwar u lanqas hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi

partikolari li kien jinsab fihom maghdud mal-fatt illi huwa mhuwiex persuna kriminali izda huwa biss zghazugh ta' dsatax-il sena li kellu jhalli pajjizu minhabba l-qaghda hazina li jinsab fiha u jhalli warajh familja sabiex isib post ahjar. Illi Malta ma kienitx il-post li weghduh li hi u spicca fl-aghar stat possibli meta spicca jghix fit-triq bla affarijiet bazici sabiex ikun jista' jghix u fl-eta daqshekk tenera ta' dsatax-il sena. Hu kien biss qed jipprova jsib post ahjar bl-inqas intenzjoni li jwettaq reat kriminali izda sempliciment sabiex ifittex hajja ahjar sabiex ma jmutx bil-guh fit-triq;

Illi wiehed mill-iskopijiet tal-piena huwa li jigi kkarcerat persuna li tkun wettqet reat kriminali u kif ukoll li tkun ghamlet hsara lil vittma u lis-socjeta'. L-iskop hu illi persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta jinzammu nkarcerati w ghalhekk barra mic-cirkulazzjoni, kif ukoll billi fil-kaz ta' reat gravi, s-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dejjem iridu jipprovaw isibu bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena;

Illi pero' l-esponenti appellant umilment ihoss illi dan il-bilanc gust ma nstabx mill-ewwel qorti. Dan lanqas huwa kaz fejn kien hemm vittma partikolari li bghatiet minhabba l-attegjament tal-esponenti. Lanqas kien hemm intenzjoni li verament jitwettaq reat gravi kriminali izda sempliciment sabiex jipprovdi ghalih innifsu u jkun jista' jibqa' jghix. Illi apparti minn hekk dan ma jistax jitqies bhala reat kriminali gravi meta tqis ic-cirkustanzi kollha tal-kaz odjern;

Illi kif intqal dan hu appell limitat ghall-piena. Huwa minnu illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. **Il-Gurisprudenza nostrana pero' turi wkoll li jista' jkun hemm cirkostanzi – kif ta' spiss ikun hemm – fejn il-Qorti tal-Appell tara li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma tkunx adegwata ghall-kaz, jew ghax tkun harxa wisq fic-cirkostanzi, jew ghall-kuntrarju, tkun tidher manifestament miti wisq, konsidrat il-portata tar-reat jew reati li taghhom tkun instabet htija. Illi f'dan il-kaz inghata il-massimu possibli skont il-ligi u l-piena erogata hija harxa wisq fic-cirkostanzi (emfasi tal-esponenti);**

Ghal dawn ir-ragunijet, l-esponenti jhoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu;

Fis-sentenza l-"**<u>Pulizja vs Carmen Buttler</u>**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel l-Ewwel Qorti, **<u>sakemm ma jigix manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari (Emfasi tal-esponenti)</u>** tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

L-esponenti umilment jirrileva li l-principji esposti fis-sentenza su riferita u kif ukoll fil-gurisprudenza nostrana jincidu direttament fuq l-appell odjern, u anke in vista tac-cirkostanzi kollha msemmija hawn fuq il-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti r-realta' li attwalment l-esponenti jinsab fiha u ghalhekk jinghata cans iehor sabiex jibda hajtu mill-gdid specjalment meta ghad ghandu biss dsatax-il sena;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2020 limitatament dwar il-piena impsota mill-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat,

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant jghid illi l-piena inflitta hija eccessiva minhabba c-cirkostanzi partikolari u pietuzi tal-kaz.

Illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi rresponsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha.

Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le.

Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena **(Il-Pulizija v. David Vella[1],)**.

F'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena għalhekk, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena fis-sens li tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx skont il-kwalita u kwantita stabbiliti mill-Liġi, jew jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

16. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** :[2]

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court* sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to *show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli nhar it-2 ta Dicembru 2005
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli nhar il-25 ta' Awwissu 2005

*Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler** et [3] kif tajjeb osservat id-difiza fir-rikors tal-appell taghha fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

*Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Illi f'dan il-każ il-piena applikabbli għall-akkużi oriġinarjament miġjuba kontra l-appellant jidħlu fil-parametri tal-piena ghalkemm fil-massimu taghha imposta mill-Qorti tal-Maġistrati.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat ic-cirkostanzi tal-kaz. Jirrizulta li l-appellant gie investigat nhar is-7 ta' Awwissu 2020 u irrilaxja stqarrija esebita fl-atti a fol 6 markata

[3] Deċiża mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Frar 2009

bhala dok MJ1. Minn esami ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-appellant huwa zaghazugh ta dsatax-il sena ta' nazjonalita Sudaniza huwa persuna li kien gie Malta mill-Libya bid-dghajsa fl-10 ta' Frar, 2020 u applika ghal azil . Minkejja li kienu ghaddew sitt xhur kien ghadu bla risposta ghall-applikazzjoni tieghu. Illi dakinhar kien instab mill-pulizija tal-Imigrazzjoni mistohbi taht truk bejn ir-roti izomm fuq hadida u fejn l-istess trukk kien fi triqtu lejn Pozzallo bil-katamaran. Mistoqsi ghalfejn ridt imur l-Italja jghid li hawn Malta m'ghandux futur u m'ghandux flus biex jonfoq tant li qed joqghod barra fit-triq hdejn Cafeteria tas-Suadnizi il-Marsa.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd li gieghlu jghamel hekk spjega li meta ikun fil-cafeteria jinnota it-trailers dehlin u hergin mit-terminal tal-Virtu Ferris u iddecieda li jistahba f'wiehed minnhom. Qal li iddecieda wahdu li jghamel hekk . Jghid li kuntatt ma kellux u ddecida li jghazel dak it-truk partikolari ghaleix kein fuq wara u bhekk haseb li ma jaqbduhx tas security.

Illi in segwitu tressqaq il-Qorti nhar l-10 ta Awwissu 2020 u gie akkuzat bir-reati kif naxxenti mill-Ordinanza dwar l- Imigrazzjoni . Jidher li fl-ewwel seduta li inzammet mill-Qorti u cioe mal-prezentata l-appellant irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u fuq tali ammissjoni instab hati mill-ewwel Qorti u gie ikkundnnat piena karcerarja effettiva ta' sentejn prigunerija. L-ewwel Qorti pero ma mmotivatx is-sentenza taghha meta giet biex terroga l-piena minkejja li ma hiex obligata li taghmel dan bil-ligi skond l-arkolu 382 tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkunsidra dawk il-fatturi li waslu lill-ewwel Qorti biex taghti l piena inflitta .

Din il-Qorti qiset bhala fatturi mitiganti s-segwenti:-

1. L-ko-operazzjoni totali tal-appellant mal-pulizija esekuttiva waqt l-investigazzjoni tant li spjega ezattament dak li lahaq ghamel u x'kienet l intensjoni tieghu
2. L-ammissjoni bikrija tieghu fl-ewwel opportunita tieghu u cioe mal-prezentata u b'hekk ma nheliex iz-zmien prezjuz tal-Qorti u lanqas ma gew kagunati spejjez ta' ammisntrazzjoni zejda.

3. Il-fatt li ghandu fedina penali netta minghair ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.
4. Il-fatt li l-appellant kellu dsatax-il sena meta kkommetta ir-reati in kwistjoni.
5. Il-passat tal-appellant li hu wiehed infelici ghall-ahhar.
6. Il-fatt li kienu ghaddew sitt xhur minn nmeta applika ghal azil u kien ghadu ma ircieva l-ebda risposta f dan ir-rigward.

Mill-banda l-ohra pero' din il-Qorti ma tistax ma tatix l-importanza tar-reati li bihom gie akkuzat l-appellant u cioe li jirrigwardaw il-ligijiet ta l-Immigrazzjoni fi zmien meta Malta u l-Ewropa ghandha tant problemi f'dan il-qasam. Ma hemmx dubbju li l-appellant bl-agir tieghu kien qed jinkora il-ligijiet tal-pajjiz fejn kien residenti u dan minghajr ma ha in konsiderazzjoni tal-konsegwenzi tal-agir tieghu u l –import ta tali decisjoni.

Ghalhekk ma hemmx dubbju li piena karcerarja hija l-piena idoenja pero minhabba dak li intqal fil-premess u cioe is-sitt puntini imsemmija iktar l'fuq il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirriduci ftit il-piena imposta b'dan illi qeda tikkonferma is-sentenza fil-mertu taghha izda qed tvarja l-istess fir- rigward tal-piena imposta b'dan illi minflok ma tikkundnannah ghal sentejn prigunerija effettiva qed tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija effettiva. Iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv ghandu jitnaqqas minn din il-piena inflitta.

*(Ft)* Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur